



# Ħamsa u Tmenin Sena ilu: Traġedja kbira f'Sana Venera 23 t'Ottubru 1928

*Charles Scerri*

Il-ħemda f'dak il-jum ta' Ottubru fir-raħal kwiet ta' Santa Venera, inkisret mill-ħsejjes kbar ta' bini qed jaqa' u għajjat għall-għajnuna minn dawk li kienu qed imutu mirduma, mill-feruti, u minn dawk il-ħaddiema aktar ixxurtjati li kienu xhieda ta' din il-ġrajja traġika.

Ix-xena kienet il-birrerija l-ġdida li kienet qiegħda tinbena f'Santa Venera, wara l-Akwedott ta' Wignacourt, eżatt quddiem Dar Iljuni, fejn illum hemm uffiċini ministerjali fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-birrerija li kienet tielgħa mill-kumpanija Portanier, kienet ġiet iddisinjata minn Herr Kopf ta' Munich, waqt li l-arkitett li kellu f'idejh dan il-proġett kien is-Sur J.L. Psaila. Il-kumpanija Portanier, dak iż-żmien immexxija mill-fundatur tagħha, is-Sur Ċikk Portanier (li miet f'Settembru 1945), kienet fost il-pijunieri tal-produzzjoni tal-birer u xorb ieħor f'Malta sa mill-bidu tas-seklu għoxrin.

Kien għal ħabta tas-2.30 ta' wara nofsinhar tat-Tlieta, 23 t'Ottubru 1928. Waqt li l-ħaddiema kienu qegħdin jagħmlu bojler kbir f'postu, l-art fejn kienu qegħdin ċediet taħthom u mietu sitt ħaddiema u korrew tmienja u għoxrin oħra, uħud minnhom gravi. Kienet traġedja tassew kbira.

Wara ftit ħin bdiet ġejja l-għajnuna. Tobba u infermiera mill-Isptar Ċentrali tal-Floriana (illum il-Kwartier Ġenerali tal-Pulizija) malajr waslu fuq il-post. Patrijiet Karmelitani mill-kunvent tal-knisja parrokkjali ta' Santa Venera waslu f'qasir żmien biex jagħtu għajnuna spiritwali lil min kellu bżonn. Wieħed mill-patrijiet, Patri Anġelo Zammit, ukoll issogra ħajtu billi daħal qalb it-tiġrif. Il-ħaddiema l-oħrajn taw l-għajnuna billi ġarrew kemm mejtin kif ukoll feruti. Ir-Royal Engineers, taħt il-tmexxija ta' Colonel Sewell, organizzaw ix-

*ikompli f'paġna 28*

xogħol ta' salvataġġ b'effiċjenza kbira. Stakkament mid-Devonshire Regiment taw daqqa t'id ukoll. Fost dawk li żaru l-post tad-diżgrazzja kien hemm il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Aġent Prim Ministru Dr Critien u diversi Kapijiet tal-Forzi Armati Ingliżi. Il-Maġistrat M.A. Scerri għamel inkjesta fuq il-post tad-diżgrazzja. Il-Professur Pietru Pawl Debono (1890-1958) u l-Professur Giuseppe Hyzler (1886-1953) għamlu l-awtopsji fuq il-mejtin fil-kamra mortwarja tal-Isptar tal-Floriana.

Is-sitt ħaddiema li tilfu ħajjithom kienu: Karmenu Borg minn Birkirkara, Nikola Attard mill-Qrendi, Manwel Cuschieri mill-Ħamrun, Salvu Borg u Pawlu Chetcuti min-Naxxar u Ġużeppi Micallef minn San Ġiljan. Il-midruba kienu minn diversi postijiet bħas-Siġġiewi, Birkirkara, Balzan, Naxxar, Qormi, Għargħur, San Ġiljan, Ħamrun, Mellieħa, Imsida, Valletta, Imġarr, Lija, Mosta, u wkoll wieħed mill-Qala f'Għawdex. Wieħed jinnota li kienet sfortuna kbira għal tnejn mill-ħaddiema mejtin għax inzerta li kienu bdew jaħdmu fuq il-post tax-xogħol proprju f'dik il-ġurnata tad-diżgrazzja. Il-funeral tas-sitta li mietu sar il-Ħamis filgħodu (25 t'Ottubru) mill-Isptar Ċentrali tal-Floriana saċ-Ċimiterju tal-Addolorata.

Minn kull parti ta' Malta bdew jinġabru flus biex jgħinu l-familji tal-vittmi ta' din it-traġedja. L-Onorevoli Lord u Lady Strickland, li kienu jinsabu Londra, taw l-ewwel eżempju billi offrew £50.





Il-gazzetti ta' ħamsa u tmenin sena ilu reġgħu bdew itambru biex jgħaddi l-Worker's Compensation Bill li kien ilu quddiem il-Kamra tar-Rappreżentanti għal xi snin. F'dawk iż-żminijiet ma kienx hemm servizzi soċjali kif nafuhom illum.

Safrattant, il-Markiż Scicluna *(iċ-Ċisk)* ħa f'idejh il-birrerija mingħand Portanier u semmieha "The Malta Export Brewery". Din il-birrerija kellha l-ogħla ċumnija (magħmula minn briks aħmar) fil-Gżejjer Maltin. Meta l-birrerija kienet lesta bdiet tipproduċi ċ-Cisk Lager. Din il-birra sabet suq tajjeb fost l-eluf ta' membri tas-Servizzi Ingliżi stazzjonati f'Malta u anki ntgħoġbot mill-Maltin.

Il-birrerija ma baqgħetx taħdem fl-1950 meta birrerija ġdida nbniet fl-Imrieħel. Il-bini tal-birrerija l-qadima waqa' f'idejn id-Dockyard. Wara, il-bini sar l-Iskola tas-Snajja' Umberto Calosso. Wara, parti kbira minnu beda jiġbor fih l-Iskola Sekondarja Subien San Franġisk t'Assisi. Illum, għal żmien temporanju, qed jilqa' fih l-Akkademja tal-Pulizija. F'parti żgħira mill-bini jiffunzjona l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.


Zammit Gardens & nursery

*Flowers for all occasions:*
*Weddings, Engagements, Anniversaries, Birthdays, Funerals, Etc...*

**SAME DAY FREE DELIVERY**

495A, High Street, Sta.Venera
**Tel/Fax:** 2122 5744 - **Mob:** 7993 2540